MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Numru. 90/2006

Il-Pulizija
(Spettur Ian J Abdilla)
Vs
Christine Zammit
Elton Zammit

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fl-14 ta' Jannar 2005, u fil-granet ta' qabel, fil-Floriana u f'diversi postijiet ohra gewwa Malta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :
1. Mexxew biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kienu jafu li huma falsifikati (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap. 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorita legali jew minghajr skuza leggittima jew

ragonevoli xtraw jew ircevew minghand xi persuna, kif ukoll kellhom fil-pussess taghhom, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kienu jafu li l-istess huma falsifikati; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap. 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' anqas minn LM 100 ghad-dannu tal-Multi-Storey Car Park (MCP) Ltd tal-Floriana; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ikkommettew serq ta' inqas minn LM 100 fi flus minghand il-Multi Storey Car Park (MCP) Ltd. tal-Floriana, ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess stabiliment, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 263, 269 u 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat /i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputati iwiegbu li kienu hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha;

Spjegatilhom il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni skond il-ligi u ippostponiet il-kawza sabiex jergghu jikkonsidraw il-posizzjoni taghhom.

Meta regghet issejjhet il-kawza, l-imputati tennew li kienu hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha ghalhekk il-Qorti issibhom hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrihom, u dan

wara li l-Qorti rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 263, 269, 270 u 17 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 45 u 46 tal-Kap. 204.

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputati irregistraw ammissjoni ikkoperaw mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni kollha, hallsu l-ammont kollu dovut minnhom u kienu ghaddejjin minn inkwiet familjari fiz-zmien in kwistjoni.

Ikkunsidrat ukoll li ghandhom fedina penali netta u ghalhekk tara li piena karcerarja mhix idonea ghall-akkadut.

Ghalhekk, wara li rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundannahom kull wiehed ghal prigunerija ta’ sitt xhur sospiza ghal sena millum. Il-Qorti tiddikjara li spjegatilhom il-konsegenzi skond il-Ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu opperattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tordna illi l-atti, flimkien ma kopja ta’ din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 401 (3) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------